## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

# SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 49

**03 ta' Novembru, 2016**

Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Highrise Appartments Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Max Zammit – Sindku
Ronald Portelli – Viċi Sindku
Frank Roe – Kunsillier
Eugenio Muscat – Kunsillier
Louise Cachia Castelletti – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.

## 49.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

49.1.1 Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni.

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.

## 49.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

49.2.1 Is-Sindku stqarr li l-ħwejjeġ li huwa ser jikkomunika fuqhom llum huma parti min punti oħra tal-aġenda, u għaldaqstant ser jiġu msemmija f'dawn il-punti waqt il-kors tal-laqgħa ta' llum stess.

## 49.3 Rapporti

49.3.1 E Muscat u L Cachia Castelletti – Il-Kunsill għandu jkompli jinsisti mal-Pulizija biex insiru nafu min seraq iċ-ċekkijiet biex b'hekk ikun hemm serħan il-moħħ fl-uffiċini tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li għandha titkompla l-investigazzjoni.

49.3.2 L Cachia Castelletti – Għandna niċċekjaw x'tgħid il-liġi dwar *pipes* u *drainage systems* fil-blokok tal-gvern u fil-komuni tal-appartamenti inġenerali.

Sindku – Il-kumitat tar-reġjun qiegħed iħejji *bye-laws* għar-reġjuni kollha u il-kunsilli lokali ħa jkunu jistaw jaddottaw dawn il-liġijiet skond l-esiġenzi tagħhom.

## 49.4 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

49.4.1 E Muscat qal li hemm xi tabelli li ma għadhomx jidrhu sewwa.

Il-Kunsill approva li għandna niċċekjaw xi spiża hemm u dawn it-tabelli jinbidlu.

49.4.2 Is-Sindku qal li ħa jsir *Pilot Project* fejn ħa jiġu installati pannelli fotovoltajċi f'erba' blokkok tal-gvern li għandhom is-servizz tal-*lift*. Hu kompla jgħid li dan ha jkun forma ta' *Public-Private Partnership.* Dan il-proġett ħa jiġi propost lir-residenti tal-blokok u dawn ħa jibbenefikaw minn dawl b'xejn fil-komun. Ħa jkun hemm bżonn *consensus* mir-residenti kollha ta' kull blokka biex il-blokka tkun tista tittieħed inkonsiderazzjoni biex din is-sistema tiġi implimentata.

Il-Kunsill qabel li l-iskema ħa tkun għal min għandu is-servizz tal-*lift* u ma għandux pannelli. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tintbat ittra lir-residenti dwar din l-skema pilota u li għandhom isiru ammont ta laqgħat mar-residenti li jgħixu fil-blokok biex jiġi spjegat il-proċess kollu.

49.4.3 Dekorazzjonijiet tal-Milied

Il-Kunsill Lokali ġabar żewġ kwotazzjonijiet biex jintramaw it-toroq bid-dawl tal-Milied. Il-Kunsill ġabar kwotazzjonijiet għal Triq Prinċipessa Margerita, Triq il-Knisja u ir-*roundabout* fejn hemm il-funtana. Il-Kunsill ġabar ukoll żewġ kwotazzjonijiet biex issir tabella bil-kliem miftiehem.

Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi bl-armar tat-toroq imsemmija u intagħżlu il-kwotazzjonijiet ta' Victor Tedesco peress li kienu l-irħas. L-ispiża taż-żewġ toroq u ir-*roundabout* tammonta għal 1350 Euro. Din l-ispiża ma tinkludiex l-applikazzjoni tad-dawl mal-Enemalta. Ħa tittieħed deċiżjoni dwar it-tabella fil-laqgħa li jmiss.

E Muscat qal li għandna niftehmu mal-Kappillan biex id-dawl tat-tiżjien ta' Triq il-Knisja jitqabbad ma tal-Knisja.

Is-Sindku issuġġerixxa li tintrama wkoll Triq Testaferrata.

F Roe qal li fi Triq Testaferrata għandhom jitwaħħlu ħames fustuni minn naħa għal-oħra tat-triq. Il-Kunsill qabel li għandna niġbru kwotazzjoni biex tintrama Triq Testaferrata.

49.4.4 Korsijiet tat-*TCTC*

Il-Kunsill kien iddeċieda li jikkunsidra korsijiet ġodda tat-TCTC.

Il-Kunsill qabel li jsiru korsijiet tal-*computers* E-anzjan ghal-Anzjani, ECDL għaż-żgħażagħ u Ikids għat-tfal. Il-Kunsill ħa jiċċekkja id-dati u l-ħinijiet. Il-Kunsill jixtieq li fil-*flyers* ikun hemm ċar li dawn il-korsijiet qegħdin isiru mil-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex bil-koperazzjoni ta' TCTC.

49.4.5 Il-*Magazine* tal-Kunsill

Il-Kunsill qabel li il-*magazine* għandu jerġa jibda jinħareġ.

49.4.6 Ħwejjeġ Oħra

E Muscat u L Cachia Castelletti ipproponew li l-kunsill għandu jinvesti f'apparat li jitfi u jixgħel il-funtana waħdu.

## 49.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

49.5.1 L-iskeda ta' pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni ħa tiġi diskussa fil-laqgħa li ħa ssir il-ġimgħa ta' wara.

## 49.6 Reply to Management Letter

49.6.1 Il-Kunsill approva ir-risposta li ingħatat għal kummenti tal-awdituri.

## 49.7 Quarterly Accounts

49.7.1 Rowen Bonello, l-*accountant* tal-Kunsill Lokali qal li f'dan il-*quarter* il-Kunsill għamel telf peress li nefaq iktar mill-allokazzjoni. Huwa kompla jgħid li dan ġara peress li l-kunsill ma għandux dħul apparti l-allokazzjoni li jingħata mid-dipartiment tal-gvern lokali. Fl-ispejjeż tal-kunsill hemm inklużi il-pagi tal-ħaddiema, il-manutenzjoni inġenerali tal-lokal u l-ispejjeż tal-kuntratti tat-*tenders.*

Il-Kunsill qabel li peress li hemm somma ta 40,000 Euro dovuta mingħand Metropolis, għandu jitqabbad avukat li huwa espert fuq id-djun biex ikun jista jgħin biex dawn il-flus jinġabru qabel ma jkunu iddikjarati bħala *bad debts*.

Is-Sindku qal li l-kunsill għandu jieħu lura flus mingħand id-dipartiment tal-gvern lokali għal attivita ta' *Connecting through Cultures.*

L-*accountant* issuġġerixxa li jsir *business plan* qabel tibda is-sena il-ġdida biex il-kunsill ikun jista jqassam il-fondi aħjar.

## 49.8 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir il-Ġimgħa, 11 ta' Novembru 2016

49.8.1 Il-laqgħa intemmet fl-10.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 11 ta' Novembru, 2016.

**IFFIRMATA**

Max Zammit
Sindku

**IFFIRMATA**

Clayton Xuereb
Segretarju Eżekuttiv